# *Kapitlu 5*

## Siltiet oħra mill-Istorja

# *Intietef Ħelwin mill-Kotba tal-Minuti*

Waqt il-qari tal-Kotba tal-Minuti sa mis-sena 1920…is-sena tat-twaqqif…iltqajt ma' siltiet jew sitwazzjonijiet li bla dubju ma stajtx nibqa' għaddej u qisu ma ġara xejn. Għalhekk ħa naqsamhom magħkom.

- L-isbaħ kitba li sibt fil-minuti tal-Każin tal-Banda San Gabriel kienet ta' Carmelo Buhagiar, il-*Puxa*, Segretarju fil-bidu u għal diversi snin taċ-*Circolo San Gabriele* kif ukoll President fis-snin 1922 kif ukoll bejn is-sena 1924 u l-1925. Carmelo Buhagiar twieled fl-1 ta' Frar 1897, jiġifieri meta twaqqfet is-Soċjetà kellu 23 sena. Mgħammed mill-Kappillan Dun Amabile Sisner fil-Parroċċa ta' Ħal Balzan. Missieru kien jismu Michele u ommu Rosalia.[1] Mill-Kotba tal-Minuti jidher li kellu saħħa kbira fiċ-*Circolo San Gabriele* u wieħed minn dawk li ħadem ferm għat-twaqqif taċ-*Circolo* minkejja li ma kienx wieħed minn dawk it-tliet rappreżentanti li kienu marru quddiem il-Kappillan Sisner. Nota negattiva turi lil Buhagiar jibgħat ittra fis-17 ta' Novembru 1930 lill-President Giovanni Borg (Ġanni) li jirriżenja mill-istess Kumitat minħabba nuqqasijiet li bdew iseħħu.

- Fis-Seduta tal-*Cumitat Direttiv* tal-31 ta' Lulju 1921, il-President Giuseppe Muscat jitlob lill-Kumitat sabiex jibdew *'jinħatru Viċi-President u Viċi-Cassier biex ikunu ta' għajnuna għall-istess deputati.'* Fil-fatt dawn il-karigi ġew esegwiti b'votazzjoni mill-membri fis-7 t'Awwissu 1921 b'Carmelo Buhagiar jilħaq Viċi-President (21 iva u 2 le) u Giovanni Pace jilħaq Viċi-*Caxxier* (18 iva u 5 le).

---

[1] Arkivju tal-Parroċċa.

- Dokument li sibt però mingħajr data minn rendikont ta' ħruġ (esitu) juri żewġ trattamenti li saru fiċ-*Circolo* fl-ewwel snin tat-twaqqif. Dan ir-rendikont juri kemm sewa t-trattament tal-okkażjoni tat-*Tberic tac-Circolo f'bisquitini u Pasta Reali*. Trattament ieħor kien taż-żjara fiċ-*Circolo San Gabriele* mir-Rev.mu Mons. M. Caruana, Isqof ta' Malta. Dawn iż-żewġ trattamenti swew £.0.16.10. Dan juri li Mons. Isqof kien għamel żjara fiċ-*Circolo San Gabriele* però ma sibt l-ebda data. Il-flus tat-trattamnet kienu nġabru fost is-soċji.


Esitu

| | |
|---|---|
| Bisquini | £ 0 - 3 - 0 |
| Paste Reali | 1 - 6 |
| | £ 0 - 4 - 6 |

| | |
|---|---|
| Bisquini | £ 0 - 4 - 6 |
| | 0 - 1 - 0 |
| | 0 - 0 - 10 |
| Paste Reali | 0 - 1 - 6 |
| Fancy Cakes u Cake | 0 - 4 - 6 |
| | £ 0 - 12 - 4 |

£ 0 - 12 - 4
4 - 6
£ 0 - 16 - 10

*Ir-rendikont tal-festin li sar għar-Rev. Mons. Isqof M. Caruana*

- F'rendikont ta' bejn l-14 ta' Novembru 1920 u t-22 ta' Jannar 1921 naraw spejjeż li saru għall-presepju fil-Każin. Dan juri l-entużjażmu ta' dawn is-soċji tal-bidu.


Spejjes tal Presepiu

| | |
|---|---|
| Culuri u gebs | £ 0 - 1 - 11 ½ |
| Imsiemer, passaperla, u labar | 0 - 3 - 4 ½ |
| Colla u carti tal culur | 0 - 2 - 7 |
| Faham tal acitileng | 0 - 3 - 3 |
| Lama taddemb il far | 0 - 0 - 10 |
| Scalora | 0 - 0 - 1 |
| Chiri ta bandiera | 0 - 0 - 6 |
| Xoghol tal bandier | 0 - 3 - 0 |
| Bella donna | 0 - 0 - 4 |
| | £ 0 - 15 - 11 |

Chera tal casin ta sit xhur mil 15 ta Dicembru 1921 tal 14 ta Giunio 1922 } £ 2 - 10 - 0

- Fis-Seduta tal-Kumitat tal-4 ta' Dicembru 1921 kien ġie deċiż li jsir *'biljetti tal-awgurazzjoni tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena'* biex jintbagħtu. Dokument li sibt juri l-lista tal-Għaqdiet u individwi li kienu jibagħtu.

- Kienu retti fuq dak li kienu qed jagħmlu. Din in-nota turi li Giuseppe Cassar ma ħallasx fil-ħin l-abbonament bħala soċju, allura ġie sospiż bl-ordni tal-*Cumitat Direttiv*.

- F'Ħadd il-Għid, 16 ta' April 1922 sar għall-ewwel darba it-tberik taċ-*Circolo San Gabriele* mill-Kappillan Dun Amabile Sisner u l-Każin kien għadu fl-ewwel Sede tiegħu f'Nru 8, Triq Santa Marija. Il-Kappillan kien milqugħ mill-President Carmelo Buhagiar, mis-soċji u l-ħbieb tagħhom flimkien mad-Deputat is-Sur Walter L. Salomone. Il-gazzetta *'Il-Progress'* tal-Ġimgħa 21 ta' April 1922 f'paġna 2 irraportat li sar it-tberik u wara festin żgħir u s-Sur Salomone awgura lis-soċji jkomplu jaħdmu għall-ġid tal-Każin u tar-raħal kollu.[2]


Circolo S. Gabriele
5/12/1921
Sent l'Statut hamsa Art. 1 + II wiehed minn... li hua Giuseppe Cassar nakas mil osservanza tahhom, igifieri ma hallass l'abbonament, gie sospis mic-circolo, bl'ordni tal Cumitat fil 5 ta Dicembru 1921
G. ... Pres.

*Ma kien Jaħarbilhom xejn!*

- L-ewwel applikazzjoni għas-servizz tal-ilma ġewwa ċ-*Circolo San Gabriele* saret fil-15 t' Awwissu 1922. Ix-xogħlijiet tlestew fit-8 ta' Frar 1923. Swew liċ-*Circolo* £1.09 9/12.


Ref. No. 73
Application 15 - 8 - 1922
Cost of Water Service ~~Electricity Installation~~ laid at Balzan, 20 Reale
at the request of Mr Carmelo Buhagiar

| Particulars | Quantity | | Rate | £ | s. | d. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1/2 Pipes | ft | 20 | /2¼ | | 3 | 9 |
| Bends | No | 2 | /4½ | | | 9 |
| Elbows | | 3 | /7 | | 1 | 9 |
| Connectors | | 2 | /7 | | 1 | 2 |
| Nuts | | 3 | /7 | | | 1 |
| Bib Cock | | 1 | 2/ | | 2 | 2 |
| Wooden ... Cock | | 1 | 2/9 | | 8 | 9 |
| | | | | - | 15 | 6 |
| | | | | | 5 | 4 |
| | | | | - | 18 | 10 |
| | | 15% | | | 1 | 10 |
| | | | £ | 1 | - | 9 |

Date of Completion of Service 8 - 2 - 1923
Fitter

- Fit-12 ta' Novembru 1922, tintbagħat ittra ffirmata mill-Kumitat kollu lid-Deputat is-Sur Walter L. Salamone[3] sabiex jgħarrfuh bil-ħsara li qed issir liz-zuntier tal-Knisja. Dan kollu juri l-interess li kellhom għar-raħal tagħna.

---

[2] Siltiet mill-istorja ta' Ħal Balzan ta' Anton Camilleri Dip.LIS.

[3] Is-Sur Walter L. Salamone kien ġie elett fl-elezzjoni li saret f'Ottubru 1921 għall-Assemblea Leġislattiva u kien ħareġ fuq id-distrett ta' Ħal Balzan mal-Partit Kostituzzjonali ta' Sir Gerald Strickland,

- Tissemma waħda mill-akbar fieri li qatt saret f'Ħal Balzan fl-Iskola Primarja tas-Subien qrib il-Ġonna ta' Sant'Anton organizzata miċ-*Circolo San Gabriele*. Dan juri li minkejja din is-Soċjetà kienet għadha fil-bidu tagħha, in-nies ta' Ħal Balzan kienet qed issir popolari u bdiet torbot qalbha sew magħha.

- In-nota tal-*Cumitat Direttiv* dwar l-offerta tal-Botteghin.


Circolo S. Gabriele
13-7-22 C. Balzan
Il Cumitat tad-direzioni ta dan iccircolu javza lil membri
cholla ta din iccircolu li cul min irid jamel offerta tal
Botteghin ghandu zmin sa nhar il Hadd 30-7-22 sal 10.30
javza ucoll li cul min icun ghandu oggezzioni riguard
issituazioni presenti tal Botteghin, Giuseppe Micallef
l ex incaricat, hua pront sabiex jirrangalu assituazioni
normali mil actar fis, u dan ma jamlux ghaliex
ghaliex bhesibu joffri hu ucoll offerta
Bulogna Tesoriere 13-7-22
Segretarju

- **25-64-67** kienu n-numri tal-Lottu li ċ-*Circolo San Gabriel* kien jilgħab. Dan beda jseħħ mill-11 ta' Mejju 1924 u beda jieħu ħsiebu Vincenzo Brincat. Hu kien jieħu ħsieb jilgħab dan il-biljett tal-Lottu ta' Malta mill-kaxxa tal-Każin u kull darba li jinxtara jitwahhal fin-*Notice Board* għas-sodisfazzjon ta' kull membru. In-numru 25 kien il-Jum Liturġiku tal-festa tal-Lunzjata, però n-numri 64 u 67 ma jidher minn imkien kif intgħażlu.

- Fis-sena 1924 iddaħħlet il-*luce elettrica*. Dan ġie approvat fis-seduta tad-29 ta' Mejju 1924 u għalhekk jekk isir id-dejn minħabba dan, il-*Cumitat Direttiv* iffirma li l-istess membri jridu jagħmlu tajjeb. Ma' dan ġie deċiż ukoll li tinxtara linfa tal-ħġieġ addattata għas-sala. Hawn il-Każin kien taħt il-kampnar tal-Knisja Parrokkjali… illum infetħet il-wesgħa ta' Triq il-Kbira.


Circolo S. Gabriele
C. Balzan
25 ta Ottubru 1927.
Sig:
Gentilment mitlub sabiex tattendi fis-seduta li ghandha issir nhar il Hadd li gej 30 ta Ottubru fil 10.30 ta filgodu
Agenda
Estiki ta flus mil fond tac-circolu ghal Pedestal il gdid ta Lunetta
Seg:

***Il-mod ta' kif is-Segretarju kien jinforma lil sħabu tal-Comitat Direttiv għal-laqgħa.***

- Id-dħul tat-tfal fil-Każin kien ipprojbit… ma setgħux jidħlu tfal ħlief f'lejlet u nhar il-festa tal-Lunzjata li fis-snin 20 kienet issir fl-24 u l-25 ta' Marzu. Din ir-regola saret għal Luigi Ebejer għax ried jidħol fil-jiem tal-festa. Fil-Minuti ffirmati mis-Segretarju Emanuel Galea fil-5 ta' Diċembru 1921 naraw nota li ddeċieda l-*Cumitat Direttiv* dwar jekk jistgħux jidħlu tfal taħt l-eta'.


tal Casin u inkuxacter mil icun hemm bzonn
u jitkalsu min dauc chollu li dakhlu biex ikallu
il spera tal imsemmi Casin

Circolo S. Gabriele
5/12/1921

**Nota fil-minuti dwar tfal taħt l-età**

- Iċ-*Circolo San Gabriele* kien jieħu sehem fil-festa titulari tal-Lunzjata, fil-festa ta' San Valentinu ko-protettur tal-Parroċċa, tal-Qalb ta' Ġesu' u fil-festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru. F'dawn il-festi kienet issir luminazzjoni.

- F'ittra mibgħuta lill-Kappillan F.S. Zahra mis-Segretarju taċ-*Circolo San Gabriele* Giuseppe Muscat f'Jannar tal-1924 jiġbed l-attenzjoni tal-*Comitato delle Campane* li ma jsirx telf ta' flus meta jiġu biex jinqalbu minn Sterlini għal dawk Franċiżi sabiex tkun tista' titħallas id-Ditta Franċiża Paccard. Fis-17 ta' Marzu 1924, il-Kappillan bagħat lura javżahom li ser jagħmel ħiltu biex ma jsirx telf. Minn dokument li jidher aktar tard, il-Kappillan bagħat lura juri li l-*Comitato della Campane* għamel £27 qligħ. Eżempju klassiku tal-interess li kellhom fir-raħal u ta' dak kollu li jkun għaddej. Ma kien jaħarbilhom xejn!

- Ittra iebsa mibgħuta f'Mejju 1925 lill-Kappillan Dun F.S. Zahra mis-Segretarju Guiseppe Muscat minħabba *'id-decisioni dwar il-projbizioni tal hrug ta l'istatwa tal-gbir kaddis, protettur tghana, missier tghana hu illiberatur tghana, hu r-refugiu tghana San Valentinu, dejjem wara il BEATA VERGNI MARIA ANNUNZIATA PADRUNA TAS-SEMA U L'ART'*. Dawn xtaqu li fis-sena ċentinarja minn meta daħlet il-qima tiegħu f'Ħal Balzan, il-vara toħroġ f'purċissjoni. (Tajjeb li nkunu nafu l-qagħda tal-istatwa ta' San Valentinu. Ma kinitx faċli li tinħareġ, imma jingħad li fin-Nadur, l-istess tip ta' statwa ta' San Koronat, kienet ħarġet xi snin qabel.) Il-Kappillan għall-bidu m'aċċettax din il-proposta minħabba forsi l-biżgħa li l-festa ta' San Valentinu tgħolli rasha fil-popolarita' fost il-Balzanin. Però aktar tard aċċetta li l-istatwa toħroġ proċessjonalment. Wara dan kollu, iċ-*Circolo* ried li l-fiera tas-soltu li kienet issir qabel il-festa ta' San Valentinu tkun amministrata u mmexxija mill-istess

*Circolo* u l-qligħ mill-fiera jkun kollu taċ-Circolo sabiex ikunu jistgħu jagħmlu festa kompluta. Il-Kappillan deher li aċċetta kollox. Minn rendikont jidher ċar li l-flus li kien fadal kienu ser jintużaw għall-festa tal-Lunzjata tas-sena 1926.

- Żewġ dokumenti utili oħra kienu li f'dik l-epoka ċ-*Circolo San Gabriel* kien iġib il-baned għall-festa tal-Lunzjata. Jidhru rċevuti tal-flus li kienu tħallsu lis-*Soċjetà Filarmonika De Rohan* ta' Ħaż-Żebbuġ u l-istediniet flimkien ma' rċevuti lil *St. Elena Band Club ta' Birchircara*. Il-Banda Sant' Elena tagħmel is-servizz tagħha lejlet il-Festa tal-Lunzjata tal-lum.

- Iċ-*Circolo San Gabriele* jistieden lill-Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt sabiex isir President Onorarju bl-ittra mibgħuta fid-29 ta' Marzu 1926. Il-Konti jaċċetta malajr li jassumi l-kariga ta' President Onorarju fiċ-*Circolo San Gabriele* fl-1 t'April 1926 kif jidher fid-dokument.

- Is-Soċjetà appuntat bħala Kappillan Spiritwali tagħha lir-Revdo. Padre Valentino Cardona OFM fil-11 ta' Ġunju 1926. Hu kien li fil-festa tal-Qalb ta' Ġesu' jagħmel qrar u quddiesa bit-tqarbina għas-spejjeż tas-Soċjetà. Fis-snin ta' wara kien intalab sabiex jagħti konferenzi fi żmien il-Milied ukoll.

- F'Jannar 1922 jidher għall-ewwel darba Luigi Ebejer. Dan milli jidher ma ġab l-ebda dikjarazzjoni tal-ġenituri tiegħu biex jsir membru fiċ-*Circolo* skont l-istatut għax kien għadu taħt l-eta'. U l-*Comitat Direttiv* ġibidlu l-attenzjoni dwar dan. Però fid-9 ta' Settembru 1922 jidher l-ewwel darba bħala membru Luigi Ebejer fl-eta' ta' 16-il sena regolari. Tidher fil-Minuti dikjarazzjoni li ommu Carmena Ebejer iffirmat sabiex hu jitħalla jidħol membru fiċ-*Circolo San Gabriele*. L-istatut kien jgħid li '*ankas min 16 ma jistax jidħol membru, icun ta eta' bejn 16 il.sena u 18 il.sena, irid icollu il cunsens tal genituri jew ta min icun kied jiħu cura tighou.*'[4] Luigi Ebejer jilħaq Segretarju



***Luigi Ebejer B.E.M.***

[4] X'kien jgħid l-istatut u kkwotat kelma b'kelma u kif jinsab miktub. Staut III - Art III.

fis-sena 1932 li dam sal-1935 u jerga' jkun Segretarju bejn l-1937 sal-1948 sakemm miet fl-eta' żgħira ta' 42 sena. Wiġi, kif kien magħruf fost il-Balzanin, twieled fl-1906. Fi żmienu dehru sistemi ġodda ta' tmexxija fis-Soċjetà u l-persuna tiegħu kienet influwenti sew qalb il-membri. Jingħad li wara l-mewt tiegħu, issa bl-isem ta' Għaqda San Gabriel li kien issuġġeriha hu stess, kien inħass vojt kbir fil-Każin. Hawn min jgħid li l-membri attivi kien naqsu sew għal xi żmien.



- Xi ħaġ'oħra li ltqajt waqt il-qari tal-minuti kienet il-ġbir li kien isir kull nhar ta' Ħadd. Dan għadu jsir sal-lum il-ġurnata bid-differenza li jsir kull ħmistax. Il-ġbir kien jissejjaħ bħala l-*Ġbir tal-Plattina*. Imbagħad kienu jsiru diversi Lotteriji matul is-sena li ġeneralment kien jintrebaħ oġġett tal-ikel. Dan kollu kien iwassal sabiex iċ-*Circolo San Gabriele* jibqa' għaddej bil-ħidma tiegħu kemm fl-armar u kemm fit-tisbiħ tal-Każin.

- Fit-18 ta' Ġunju 1924, il-President taċ-*Circolo* Carmelo Buhagiar jikteb twissija lis-soċji f'ittra li bagħtilhom *'iwissi is-soci inġenerali, partikolari il membri tal Cumitat direttiv li ma jabbusawx minaccaw lil hatt fuk cirkostanzi ta politica u la fil casin u lancas barra mil cazin, u min jicser din il prcedura, il cumitat behsiebu jihu passi severissimi u l-piena tcun ta' tkeccija mic circolu; għaldaqstant nispera li cull hatt jobdi dil procedura sabiex ma isirux cuntrasti u flistes hin is-societa' tghana tibka tgawdi il paċi li bosta mil għedewwa tgħana jixtieku ferm li jtelfuna.'* Ittra li wieħed għandu x'jomgħod sew!

- Rendikont ieħor tas-sena 1925 juri *'Il-contribuzioni li saret in connessioni tad-dimostrazioni tal-Knipel il Godda Ta dan ir-Rahal.'* Dan juri li s-soċji baqgħu dejjem jikkontribwixxu għall-qniepen minkejja li ħames snin qabel naraw il-kwistjoni tal-qniepen u tinfetaħ din is-Soċjetà. Naraw li saret festa kbira fl-okkażjoni tal-wasla tal-qniepen għax sa bombi u sunetti kienu ordnati.



**Rendikont tal-Ġbir tal-Plattina ta' kull nhar ta' Ħadd.**



**Rendikont tal-Lotteriji li kienu jsiru fis-snin 20.**

- Xi ħaġa interessanti li turi kemm l-antenati tagħna kienu serji, huma d-dokumenti li juri l-inventarju ta' x'jipposjedi ċ-*Circolo San Gabriele*. Impossibbli li nippubblikaw dokumenti għax hemm wisq.

- Fis-sena 1932, *Cumitat Direttiv* b'Luigi Ebejar bħala Segretarju kien ippropona li għandu jinxtara biljard għall-membri '*sabiex ikunu jistgħu jqattgħu ħin aħjar fil-Każin.*' Fil-fatt inxtara l-biljard 9x4 piedi li sewa £14 f'salt u £1 fix-xahar u dam sentejn biex jitħallas.



- Fis-sena 1933 kienet saret regola li kull min hu soċju fiċ-*Circolo San Gabriele* u mhux imwieled f'Ħal Balzan ma jistax jiġi propost u lanqas elett bħala membru tal-*Cumitat Direttiv*.

- Luigi Gauci Forno u Luigi Briffa, President u Segretarju taċ-*Circolo Maria Annunziata* kienu membri wkoll ġewwa ċ-*Circolo San Gabriel* fis-snin 40. Dan juri li f'Ħal Balzan kien hawn armonija bejn iż-żewġ Soċjetajiet.

- Fl-istudji tal-qari tad-dokumenti nnotajt li l-kelma finali li kienu jgħidu Giuseppe Muscat u Carmelo Buhagiar kienet tissupera kollox. Fil-fatt anke ħafna mix-xogħol u l-ġbir fil-qiegħ tal-karta kont issib isem wieħed minn dawn bil-firma wkoll. Taħt kollox issib il-kelma *Inkarigat.* Fis-snin 30 insibu lil Luigi Ebejer u Ġanni Borg f'kull deċiżjoni.

- Kif għedna aktar 'il quddiem, l-ewwel tieġ li sar fis-sede li llum għandu l-Każin tal-Banda San Gabriel kien ta' Charles Caruana u martu Lina. Dan kien sar f'Novembru 1959 u sar il-ħlas ta' £6. It-tieni tieġ kien sar fid-9 t'April 1961 meta kien sar it-tieġ ta' Myriam Cassar (nee' Caruana) ma' Charles Cassar. Ta' min jinnota li Charles Caruana u Myriam huma ħut il-Padrun tas-Soċjetà u Fundatur tal-Banda Gabriel Caruana MQR. Fil-minuti nsibu li Gabriel Caruana ħareġ mil-laqgħa tal-Kumitat sabiex ma jinfluwenzax lil sħabu l-membri jekk iħallux 'l oħtu tiżżewweġ fil-Każin u kemm ser iżommu bħala donazzjoni. Il-Kumitat kien iddeċieda li jingħata permess isir tieġ ieħor kif ukoll tinżamm l-istess donazzjoni tal-ewwel tieġ.

- Fil-Minuti dwar ix-xiri tal-Każin preżenti fis-sena 1957, is-Segretarju Gabriel Caruana jikteb li *'dal-post mhux abitabbli nagħmlu minnu ġojjel fil-qalba ta' Ħal Balzan.'* **Hekk hu… għandu raġun biex ibigħ!!**

- Hekk temm jgħid is-Segretarju Gabriel Caruana fil-Laqgħa Ġenerali tal-10 t'Awwissu 1957. Il-mozzjoni għax-xiri tas-sede l-ġdida għas-Soċjetà għaddiet b'26 favur u 4 kontra. *'B'dan il-mod nifhem li din hija triq tas-sagrifiċċju iżda bi ftit għajnuna min-naħa tagħna u bit-tama li għandna fil-protettur tagħna l-Arkanġlu San Gabriel, ix- xogħol isir u jkollna sede addattata għall-Każin tal-Banda San Gabriel.'*

- X'intqal fil-Minuti tas-Seduta tal-Kumitat f'Awwissu 1988 mis-Segretarju Guido Borg dwar il-festa tal-1988, *'Il-marċ tal-Ġimgħa tal-Aħħar tat-Tridu, l-akbar ferħ deher f'wiċċ Lonza Zammit, née Falzon. Ironikament ħarset lejn iż-żgħażagħ jaqbżu u jgħajtu mal-Banda, ferħana b'dak li kien beda missierha (Giuseppe Falzon Ta' Budajda), 68 sena qabel.'* Ikompli jgħid, *'Iż-żgħażagħ iduru dawra tond waqt il-marċ tal-aħħar bil-ġirasuri, sfafar u gassijiet. Il-lampi tal-faċċata tal-Knisja jindifnu fid-duħħan. Ġmiel u gost tara daqs dawk żgħażagħ jixxalaw għas-suċċess tal-festa!'*



***Gabriel Caruana u Abraham Muscat quddiem Bieb il-Belt fil-purċissjoni ta' Kristu Re.***

- Gabriel Caruana u Abraham Muscat quddiem Bieb il-Belt fl-aħħar tal-ħamsinijiet, jieħdu sehem fil-manifestazzjoni ta' Kristu Re.

- Il-Banda San Gabriel bdiet ukoll tagħti s-sehem tagħha fil-purċissjoni ta' lejlet il-Milied organizzata mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. ta' Ħal Balzan b'daqq ta' innijiet tal-Milied. Dan beda jsir fis-sena 1969.

- Għas-sena 1970 kienu ġew ivvutati £300 għall-festi ta' għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Każin tal-Banda San Gabriel taħt it-titlu taċ-*Circolo San Gabriele*. Ġew ukoll ko-optjati membri *ad Hoc*... li kienu Philip Borg, Karmenu Micallef u Victor Mifsud.

- Is-Sibt 12 ta' Lulju 1980, lejlet il-festa tal-Lunzjata, ġriet l-aħbar li l-Gvern Ċentrali kien waqqaf il-permessi tan-nar. Għaldaqstant il-festa kellha tieqaf u saret f'Settembru. Dan kien seħħ wara splużjoni fil-Kamra tan-Nar ta' San Ġuzepp f'Ħaż-Żebbuġ. Din id-diżgrazzja kienet seħħet ġimgħa qabel. Mad-deċiżjoni li ma jistax jinħaraq nar, ġie deċiż miż-żewġ Soċjetajiet li jwaqqfu tal-festi esterni. Il-festi interni tkomplew regolari. Barra kienet saret protesta mid-dilettanti Balzanin kontra din id-deċiżjoni.[5]

[5] In-Taghna – 14 ta' Lulju 1980 Protesta ħdejn il-Knisja ta' Ħal Balzan.

- Fil-11 t'Ottubru 1982 irwiefen qawwija 72 knot għamlu ħsara kbira lill-piramida tal-kampnar tal-Knisja Parrokkjali. Il-Kappillan Dun Tarċis Delicata ried isewwi din il-ħsara imma ma seta' jsib lil ħadd li jkun jista' jafda biex isir xogħol sew. Għaldaqstant kien avviċina xi membri mill-Każin u dawn aċċettaw u fil-fatt ix-xogħol sar bejn it-13 ta' Frar u s-6 ta' Marzu 1983. Ix-xogħol kien fdat f'idejn Kalċ Micallef, Benny Pace, Karmenu Micallef, Lino Borg, Kola Borg, Michael Micallef u s-sagristan Valent Chetcuti. Barra minnhekk il-membri tagħna jkunu ta' għajnuna kbira minn żmien għal żmien u jmiddu idejhom mal-ewwel kelma. Apparti l-għajnuna kbira li jagħtu fl-armar tal-festa, kienu diversi għajnuniet li taw speċjalment meta jsir xi armar għall-pittura.



***Il-Purċissjoni tal-Bambin immexxija mill-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. ta' Ħal Balzan li tieħu sehem il-Banda San Gabriel quddiem is-Sede tas-Soċjetà.***

- Fil-festa tal-1984 kien sar il-marċ ta' filgħodu għall-ewwel darba fl-okkażjoni tas-Sena taż-Żgħażagħ. Dan dam isir sentejn.

- Is-Seduta Ġenerali tas-sena 1985 kienet ġiet trasferita minħabba l-fatt li kien miet Nazju Magro, membru attiv għal snin twal fil-Każin tal-Banda San Gabriel, proprju fl-istess ġurnata. Nazju daħal membru fil-15 ta' Frar 1948. Ġie elett għall-ewwel darba fil-Kumitat Ċentrali fis-Seduta Ġenerali li kienet saret fis-7 ta' Jannar 1951. Nota li żgur ma nistax inħalliha barra fuq seħibna hi li Nazju miet fil-Każin stess, fil-post li fih qatta' ħinu



***Il-Kampnar waqt ix-xogħlijiet.***



***Membri mis-Soċjetà tagħna mat-tneħħija tat-travi mis-saqaf tal-Knisja wara t-tlestija tal-pittura tal-Kappellun tar-Rużarju.***





***Il-briju waqt l-marċ ta' filgħodu mill-Banda San Gabriel tas-sena 1985 organizzat fl-okkażjoni tas-Sena taż-Żgħażagħ.***

jaħdem, jistinka u jħabrek sabiex il-Każin u l-festa tal-Lunzjata jibqghu l-aħjar. Nazju miet imdawwar mill-aqwa ħbieb tiegħu nhar il-Ġimgħa 4 t'Ottubru 1985. Hekk kiteb Guido Borg fil-Ktieb tal-Minuti, '*Nazju miet fil-Każin, il-Każin li tant ħadem għalih, il-Każin li ddedika ħinu u ħajtu għalih.*'

- Fit-28 ta' Mejju 1986, il-Każin akkwista l-istatwa tal-Lunzjata li l-Konti Bernardo Manduca madwar 30 sena qabel kien joħroġha fil-marċ tal-Ġimgha tal-Aħħar tat-Tridu. Imbagħad in-neputi tal-istess Konti, il-Konti Frans Manduca kien irregala din lill-Każin.

- Valentino Muscat, magħruf bħala 'Is-Surmast', miet fil-11 t'Awwissu 1988 u kien President Onorarju. Il-Banda San Gabriel kienet akkumpanjatu fil-funeral tiegħu u wara fit-23 ta' Settembru 1988 sar programm Mużiko-Letterarju

f'gieħu. Dan il-programm kien ħa ħsiebu s-Surmast Onorarju Balzani Mro. Gabriel Muscat li għamel karriera twila bil-kariga ta' Assistant Surmast mal-Banda San Gabriel. Kien jgħallem ukoll u min jaf kemm ħargu allievi minn taħtu. Gabriel illum jgħodd 76 sena. It-timbru tas-Surmast Onorarju Gabriel Muscat jibqa' l-marċ brillanti li kiteb fis-sena 1984 bl-isem ta' Peter. Dan il-marċ kien ġie kkummissjonat minn Pietru Borg, ħu l-President attwali Lino Borg. Tajjeb li ngħidu li s-Segretarju ta' dak iż-żmien Guido Borg, li jiġi ħuħ ukoll, kien addattalu l-kliem ħalli jikber il-briju waqt il-marċi tal-Banda San Gabriel.



***Nazju Magro flimkien ma' Piju Ebejer u t-tifel ta' Nazju Bartolomew fil-bitħa tal-Każin fis-sittinijiet. (Ritratt bil-kortesija ta' Bartolomew Magro)***

- Mons. Dun Ġwann Dimech[6] kien it-tieni Direttur Spiritwali tal-Każin tal-Banda San Gabriel wara li Dun Ġwann Zammit Hammet serva għal 37 sena sħaħ bejn l-1953 sal-1990. Hu nħatar waqt laqgħa tal-Kumitat nhar il-5 ta' Diċembru 1990. Id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà llum hu l-Kappillan tal-Parroċċa Dun Kalċidon Vassallo

- Il-Każin tal-Banda San Gabriel jipposjedi bandiera sabiħa immens. Il-ħjata kienet saret minn Helen Bonnet fis-sena 2005. L-arblu 60 pied, il-bandiera u l-fontispizju jagħmlu faċċata mill-isbaħ u jikkumplimentaw lil xulxin.

[6] Dun Ġwann Dimech miet it-Tlieta 6 ta' Jannar 2009 fl-eta' sabiħa ta' 86 sena. Mons. Dun Ġwann Dimech twieled il-Furjana fit-2 ta' Diċembru 1922. Studja fil-Kulleġġ San Alwiġi. Fl-1940 tela' Għawdex mal-familja u kompla l-istudji tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu'. Ordnat saċerdot fis-16 t'April 1949 u sena wara ġie lura Malta proprju Ħal Balzan. Mons. Ġ. Dimech għamel diversi riċerki u tfittxijiet dwar l-istorja ta' Ħal Balzan sakemm fl-2004 ġie ppubblikat il-ktieb *ĦAL BALZAN – Ġrajjietu sa l-1999*. Ma naqas qatt ta' kull sena artiklu interessanti fil-ktieb annwali li l-Każin tal-Banda San Gabriel jippubblika fil-jiem tal-festa tal-Lunzjata. Ħadem u stinka f'diversi għaqdiet kemm f'Ħal Balzan u kemm fuq livell nazzjonali. Fl-1993 reġa' mar jgħix f'Għawdex wara 44 sena fostna l-Balzanin.




***Programm Mużikali u Letterarju f'gieħ Valentino Muscat.***



***'Il-Lunzjata tal-Konti' kif inhi magħrufa.***



*Id-Direttur Spiritwali għal kważi 19-il sena Mons. Dun Ġwann Dimech.*



*Il-Ħadd mal-Maltin fuq TVM li kien sar il-Ħadd 31 ta' Ottubru 1993*



***L-istatwa tal-Lunzjata fl-isfond il-bandiera prima tas-Soċjetà tperper u ssellem ferħana.***



***Il-fontispizju u l-arblu tas-Soċjetà inawgurati fl-2005 fl-okkażjoni ta' għeluq it-350 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan (1655-2005)***